MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-7 ta' April, 2008

Avviz Numru. 161/2006

**Public Broadcasting Services Limited (C13140)**

**vs**

**Mtarfa Glass Blowers Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fil-5 ta’ Gunju 2006 fejn talbet lil din il-Qorti illi tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta li thallas l-ammont komplessiv ta’ tlett elef erba’ mija u tmenin liri Maltin hamsa u hamsin centezmu (Lm3,480.55) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar dovuta bhala drittijiet ghal servizzi ta’ reklamar rezi fuq il-mezzi taghha tax-xandir.

Bl-ispejjez ta’ din il-procedura, kif ukoll dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 12 ta’ Dicembru 2005, u bl-interessi legali dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi (kif jirrizultaw minn *statement* hawn anness bhala Dok A) sad-data tal-

pagament effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta Mtarfa Glass Blowers Ltd fejn eccepiet:

1. Illi ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta’ attrici billi s-socjeta’ konvenuta hallset ghar-riklami miftiehma; jekk saru riklami ohra barra dawk miftiehma, ebda ammont ma hu dovut ghalihom.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri wara li s-socjeta’ attrici tindika ghal liema riklami qed tirreferi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-4 ta’ Ottubru 2004 sar *booking* mis-socjeta’ konvenuta ghal spots ta’ reklamar illi kellhom isiru fuq il-programmi “Bondi Plus” u fil-break ta’ l-Ahbarijiet. Dan il-*booking* kellu valur totali ta’ hamest elef u hamsa u ghoxrin lira li minn dawn sar depozitu ta’ hames mitt lira. Christine Xuereb iffirmat ghan-nom tal-PBS waqt illi Paul Said iffirma ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta (fol 25).

Christine Xuereb xehdet illi minflok is-socjeta’ konvenuta nghatat discount kif normalment isir, il-PBS offriet illi taghmel il-*filming* ta’ dawn l-ispots u baghtet crew partikolari sabiex jigbdu l-film ghar-reklami. Dana sar u r-reklami bdew jigu mxandra fuq “Bondi Plus”. Meta Paul Said ra r-reklam deherlu li ma kienx wiehed *up to standard* u ma oghgbux u lmenta mas-socjeta’ attrici illi r-reklam kien wiehed inferjuri. Madankollu l-ispots baqghu jigu mxandra fil-programm “Bondi Plus”. Fil-frattemp Paul Said acceda diversi drabi l-ufficini tal-PBS sabiex hemmhekk jiltaqa’ mat-*technicians* fejn isir editing jew inkella jsir filming mill-gdid. Meta ra illi minkejja kollox l-i spot baqa’ jigi mxandar bl-istess film originali, Said iddecieda illi jaghti istruzzjonijiet lill-PBS li ma jkomplix

ixandar l-ispots. Dana wara li kwazi l-ispots kollha fuq "Bondi Plus" gew imxandra, pero' dawk li kellhom jigu mxandra fuq in-*news breaks* qatt ma saru.

Hawnhekk inqala' disgwid bejn il-partijiet peress li minn nahha wahda l-PBS qieghda tippretendi illi s-socjeta' konvenuta thallas l-ammont intier kif intrabtet bil-booking order ta' l-4 ta' Ottubru 2004, waqt illi s-socjeta' konvenuta qieghda tghid li mhix tenuta li thallas la ghall-prodott inferjuri u lanqas ghal dak il-prodott illi ma sarx. Fil-fatt Paul Said xehed quddiem il-Qorti u qal li ghal dawk il-programmi li gew imxandra fuq "Bondi Plus" hallas ghall-intier taghhom, izda deherlu li ma kellux ihallas ghal spots ohra illi qatt ma xxandru.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi hu prezunt illi l-kuntratti jsiru u ghandhom jigi esegwiti in buona fede, quindi f'dan il-kaz il-partijiet intrabtu illi s-socjeta' attrici tipprovdi spots ta' reklamar li taghhom tesigi hlas kif miftiehem. Hu prezunt li s-servizz li kellu jigi moghti mis-socjeta' attrici kellu jkun wiehed efficjenti u skond l-arti u s-sengha u minn nahha l-ohra s-socjeta' konvenuta kellha tkun pronta thallas hekk kif jigi moghti s-servizz. Jidher pero' li s-servizz moghti ma kienx wiehed skond l-arti u s-sengha u filwaqt illi gie mxandar fuq il-programm "Bondi Plus" u ghalhekk parti mill-ftehim giet imwettqa, s-socjeta' konvenuta dehrilha illi ma kellhiex tkompli bix-xandir ta' l-ispots l-ohra u tat istruzzjonijiet lis-socjeta' attrici sabiex ix-xandir ta' l-ispots jieqaf. Fil-fatt hekk gara, quindi l-ftehim tal-4 ta' Ottubru 2004 gie sospiz.

Kif tajjeb xehdet Christine Xuereb l-intenzjoni kienet li jsir revue tal-filming li ghamlet is-socjeta' attrici u darba dan ikun accettat jitkomplu l-ispots fuq in-*news breaks* u b'hekk it-tieni parti tal-ftehim ikun gie mwettaq. Dan pero' ma sarx peress illi minn nahha tas-socjeta' attrici qatt ma waslet sabiex tirranga d-difetti ta' l-ewwel filming u lanqas ma ghamlet filming mill-gdid a sodisfazzjon tal-klijent u cioe' s-socjeta' konvenuta. Ghalhekk il-ftehim milhuq mill-4 ta' Ottubru 2004 gie mwettaq biss parti minnu, l-parti l-

ohra qatt ma giet imwettqa. Mhuwiex mistenni illi l-klijent ghandu jhallas ghal servizz li jkun difettuz jew inkella ma jkunx skond l-arti u s-sengha (ara Prim Awla Mark Spiteri noe vs David Conway noe 6 ta' Marzu 1998). Madankollu s-socjeta' konvenuta hallset ghall-ispots kollha li gew imxandra fuq il-programm "Bondi Plus", izda rrifjutat illi tkompli bis-servizz jekk ser jibqa' jigi moghti b'dak il-mod u ordnat li ma jibqghux isiru l-ispots fuq *news breaks*. Dan gie accettat mill-PBS peress li dawn l-ispots fin-*news breaks* qatt ma nghataw. Issa pero' s-socjeta' attrici qieghda tippretendi illi s-socjeta' konvenuta tonora l-obbligazzjonijiet taghha fuq il-ftehim tal-4 ta' Ottubru 2004 u thallas ukoll ta' dawk l-ispots illi qatt ma saru. Il-Qorti jidhrilha illi hawnhekk il-PBS qieghda tabbuza mill-posizzjoni taghha.

Ikkunsidrat:

Apparti l-fatt jekk il-filming maghmul mis-socjeta' attrici kienx wiehed inferjuri jew le, is-sitwazzjoni bejn il-partijiet fil-kuntest tal-ftehim tal-4 ta' Ottubru 2004 hija illi dan il-ftehim gie sospiz sakemm issir xi haga mis-socjeta' attrici biex tirranga d-difetti illi kien hemm fl-ewwel filming. Quindi biex il-kuntratt jitkompla fl-effetti tieghu kellha ssir xi haga mis-socjeta' attrici li biha l-konvenut ikun obbligat li jhallas skond il-ftehim fuq imsemmi. Ladarba din il-haga ma saritx, il-konvenut mhuwiex tenut ihallas skond kif inghad fil-kumplament tal-ftehim, ghax jekk jigri dan, is-socjeta' attrici tkun qieghda tistghana ngustament u tircievi flus ta' xi haga illi qatt ma ghamlet.

Mhuwiex kontestat bejn il-partijiet illi l-spots fuq in-news breaks qatt ma saru u dan jintitola lis-socjeta' konvenuta illi ma tonorax il-bqija tal-ftehim. Il-fatt illi dan sar fuq ordni u istruzzjonijiet tas-socjeta' konvenuta minghajr reklam mis-socjeta' attrici, tfisser accettazzjoni minn naha ta' l-istess socjeta' illi tissospendi jew inkella addirittura thassar ghal kollox il-ftehim tal-4 ta' Ottubru 2004. Il-konsegwenza ta' dan hi illi s-socjeta' konvenuta ma ghandha l-ebda obbligazzjoni illi jkompli tonora l-ftehim u thallas skond it-termini miftiehma ladarba s-socjeta' attrici ma qdietx l-obbligazzjonijiet taghha.

Il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta' attrici naqset meta ma sarx il-filming mill-gdid a sodisfazzjon tal-klijent u issa ma tistax tesigi illi l-klijent ihallas ghal xi haga illi ma sarx.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici. Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------